# REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2531

## tal-1 ta’ Diċembru 2022

## li jħassar ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 808/2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 ([1]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005, u b’mod partikolari l-Artikolu 8(3), l-Artikolu 12, l-Artikolu 14(6), l-Artikolu 41, l-Artikolu 54(4), l-Artikolu 66(5), l-Artikolu 67, l-Artikoli 75(5) u l-Artikolu 76(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jistabbilixxi qafas legali ġdid għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) biex itejjeb it-twettiq tagħha tal-objettivi tal-Unjoni stabbiliti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Dak ir-Regolament jispeċifika wkoll dawn l-objettivi tal-Unjoni li għandhom jinkisbu mill-PAK u jiddefinixxi t-tipi ta’ intervent kif ukoll ir-rekwiżiti komuni tal-Unjoni applikabbli għall-Istati Membri, filwaqt li jħalli l-flessibbiltà lill-Istati Membri fit-tfassil tal-interventi li għandhom jiġu pprovduti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom għall-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2023 sal-31 ta’ Diċembru 2027.

(2) Ir-Regolament (UE) 2021/2115 jipprevedi tipi ta’ intervent għall-iżvilupp rurali. Minħabba dan, ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) jitħassar b’effett mill-1 ta’ Jannar 2023.

(3) F’dak il-kuntest, il-Kummissjoni adottat rekwiżiti addizzjonali skont ir-Regolament (UE) 2021/2115 għat-tfassil tal-interventi li għandhom jiġu speċifikati fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, *inter alia* għall-iżvilupp rurali, jiġifieri bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/126 ([4]). Dak ir-Regolament Delegat jissostitwixxi r-regoli attwalment stabbiliti fir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 808/2014 ([5]).

(4) Jenħtieġ li r-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 808/2014 jitħassar b’effett mill-1 ta’ Jannar 2023. Madankollu, f’konformità mal-Artikolu 154(1) tar-Regolament (UE) 2021/2115, jenħtieġ li jkompli japplika fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-programmi tal-iżvilupp rurali skont ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 sal-31 ta’ Diċembru 2025 u fir-rigward tan-nefqa mġarrba mill-benefiċjarji u mħallsa mill-aġenzija tal-pagamenti fil-qafas ta’ dawk il-programmi tal-iżvilupp rurali sal-31 ta’ Diċembru 2025.

(5) Il-miżuri previsti f’dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp Rurali,

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta’ Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta’ Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487).

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/126 tas-7 ta’ Diċembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b’rekwiżiti addizzjonali għal ċerti tipi ta’ intervent speċifikati mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom għall-perjodu mill-2023 sal-2027 skont dak ir-Regolament kif ukoll regoli dwar il-proporzjon għall-istandard 1 tal-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba (KAAT) (ĠU L 20, 31.1.2022, p. 52).

([5]) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 808/2014 tas-17 ta’ Lulju 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 227, 31.7.2014, p. 18).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Tħassir tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 808/2014 u dispożizzjoni tranżizzjonali**

Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 808/2014 jitħassar b’effett mill-1 ta’ Jannar 2023.

Madankollu għandu jkompli japplika fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-programmi tal-iżvilupp rurali skont ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 sal-31 ta’ Diċembru 2025 u fir-rigward tan-nefqa mġarrba mill-benefiċjarji u mħallsa mill-aġenzija tal-pagamenti fil-qafas ta’ dawk il-programmi tal-iżvilupp rurali sal-31 ta’ Diċembru 2025.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba’ jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta’ Diċembru 2022.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN